32001R2056

L 277/13 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 20.10.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2056/2001
tad-19 ta' Ottubru 2001
li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta' merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Punent ta' l-Iskozja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 għall-konservazzjoni tar-riżorsi ta' ħut permezz ta' miżuri tekniċi għall-ħarsien ta' frieħ ta' organiżmi tal-baħar [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 973/2001 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 45(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'Novembru 2000, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar indika li l-ħażna ta' merluzz li jgħix fil-Baħar tat-Tramuntana (Sottoarea IV ta' l-ICES u Diviżjoni IIa ta' l-ICES) u l-ħażna ta' merluzz li jgħix fil-Punent ta' l-Iskozja (Sottoarea VI ta' l-ICES u d-Diviżjoni Vb ta' l-ICES) qegħdin f'riskju serju li jikkollassaw.

(2) Fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2000, il-Kummissjoni u l-Kunsill innotaw il-ħtieġa urġenti li jistabbilixxu pjan għall-irkupru ta' dawn il-ħażniet ta' merluzz.

(3) Il-ħtieġa immedjata hija li jitnaqqsu l-qabdiet tal-frieħ ta'merluzz billi jiġi stabbilit:

— żieda ġenerali fid-daqs tal-malja tax-xbieki tat-tkarkir u xbieki tal-parit użati għall-qbid ta' merluzz għal liema għan huwa meħtieġ li jssir deroga mill-kondizzjonijiet dwar daqsijiet tal-malji ta' rkapti tat-tkarkir stipulati fl-Annessi I u VI tar-Regolament (KE) Nru 850/98, u

— kondizzjonijiet addizzjonali biex jiżguraw li l-qbid tal-frieħ tal-merluzz minn xbiek bit-tkarkir tad-daqs tal-malja inqas minn 120 mm jitnaqqas.

(4) Ħafna mill-miżuri li ser jiġu previsti fil-Baħar tat-Tramuntana huma wkoll relevanti fil-kuntest ta' l-irkupru tal-merluzz fl-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja u għalhekk għandhom jittieħdu wkoll f'dik l-area ġejografika filwaqt li xi miżuri jeħtiġilhom li jkunu speċifiċi għall-punent ta' l-Iskozja.

(5) Huwa meħtieġ li jirregolaw dwar dawn il-materji minnufih, b'antiċipazzjoni ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 850/98, sabiex l-industrija tas-sajd tingħata biżżejjed żmien biex tbiddel l-irkapti tas-sajda tagħha.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-*Management Committee* għas-Sajd u Akwakultura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ibħra tal-Komunità tas-sotto-erji IV u VI ta' l-ICES u d-Diviżjonijiet IIa u Vb ta' l-ICES.

2. M'għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd li joperaw f'dik il-parti tas-sottoerja VI ta' l-ICES magħluqa bil-linji dritti sekwenzali li jgħaqqdu l-kordinati ġejografiċi li ġejjin:

56° 00' T 07° 30' P

56° 00' T 04° 00' P

55° 00' T 04° 00' P

55° 00' T 07° 30' P

56° 00' T 07° 30' P

3. F'dik l-erja l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2549/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jwaqqaf miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażna ta' merluzz fil-Baħar Irlandiż (Diviżjoni VIIa ta' l-ICES) [3].

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

1. "sakku" tfisser sakku sensu stricto kif imfisser fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 [4] tas-6 ta' Diċembru 1984 fuq it-twaħħil ta' għodod ma' xbieki tas-sajd, *seines* Daniżi u xbieki simili.

2. "biċċa ta' estensjoni" tfisser il-biċċa tawwalija kif imfissra fl-Anness tar-Regolamenti (KEE) Nru 3440/84.

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament perċentwali tal-qabdiet miżmuma abbord għandhom jiġu kkalkolati skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

[1] ĠU L 125, tas-27.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 137, tad-19.5.2001, p. 1.
[3] ĠU L 292, tal-21.11.2000, p. 5.
[4] ĠU L 318, tas-7.12.1984, p. 23.

Artikolu 4

Minkejja l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98:

1. Il-qabda meħuda ma' kwalunkwe xibka tat-tkarkir mal-qiegħ bil-qies tal-malja li tvarja minn 70 sa 79 mm u miżmuma abbord fis-sotto-erja VI ta' l-ICES u/jew Diviżjoni Vb ta' l-ICES għandha tikkonsisti minn ta' l-anqas 30 % ta' l-awwista tan-Norveġja u mhux aktar minn 5 % merluzz.

2. Il-qabda meħuda minn kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs li tvarja minn 80 sa 109 mm u miżmuma abbord f'Diviżjoni IIa ta' l-ICES jew dik il-parti tas-sotto-erja IV ta' l-ICES għat-Tramuntana ta' linji dritti sekwenzali li jgħaqqdu l-kordinati ġejografiċi li ġejjin:

   Punt mill-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit f'55° 00' T,

   55° 00'T 05° 00' L,

   56° 00' T 05° 00' L,

   punt fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka f'56° 00' T,

   għandha tikkonsisti f'ta' l-anqas 30 % awwista tan-Norveġja.

3. Il-qabda meħuda minn kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs li tvarja minn 100 to 109 mm u miżmuma abbord kull bastiment tas-sajd fis-sotto-erja VI ta' l-ICES u/jew Diviżjoni Vb ta' l-ICES għandha tikkonsisti fi:

   — ta' l-anqas 70 % ta' kull taħlita ta' bakkaljaw, merluzz, lipp, petriċa tat-tbajja', *megrim*, l-ispeċi fil-ġeneru raja, ħamiem, *saithe* u *Nephrops* u mhux aktar minn 5 % ta' merluzz, jew

   — ta' l-anqas 70 % ta' kull taħlita ta' l-ispeċi li jistadu għaliha inkluż fl-elenku itwal ta' dawk l-ispeċi mmirati għal daqs ta' malja minn 80 sa 99 mm speċifikata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u/jew linarda, linarda kaħla, *saithe*, klieb il-baħar siki, fjamma, *orange roughy*, *Phycis spp*. u *Brosme brosme* u mhux aktar minn 5 % merluzz.

4. Il-qabda meħuda minn kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs li tvarja 110 sa 119 mm u miżmuma abbord kull bastiment tas-sajd għandha tikkonsisti minn:

   — ta' l-anqas 70 % saithe u mhux aktar minn 3 % ta' merluzz, jew

   — għal qabdiet meħuda mis-sotto-erja VI ta' l-ICES u/jew mid-Diviżjoni Vb ta' l-ICES u miżmuma abbord, ta' l-anqas 70 % ta' kull taħlita ta' l-ispeċi mmirati inklużi fl-elenku itwal ta' dawk l-ispeċi li jistadu għalihom bid-daqs ta' malja minn 80 sa 99 mm speċifikata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u/jew linarda, linarda kaħla, *saithe*, klieb il-baħar siki, fjamma sewda, *orange roughy*, *Phycis spp*. u *Brosme brosme* u mhux aktar minn 5 % merluzz.

   B'danakollu, matul l-2002, il-qabda meħuda b'kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs li tvarja minn 110 sa 119 mm u miżmuma abbord kull bastiment tas-sajd tista' tikkonsisti minn:

   — ta' l-anqas 50 % ta' kull taħlita ta' bakkaljaw, lipp, *plaice*, solea, lingwata, l-ispeċi fil-ġeneru tal-ħamiema, raja u petriċa tat-tbajja' u mhux aktar minn 25 % ta' merluzz għal qabdiet meħuda mis-sottoarea IV ta' l-ICES u/jew Diviżjoni IIa ta' l-ICES, jew

   — ta' l-anqas 50 % ta' kull taħlita ta' bakkaljaw, lipp, megrim, petriċa tat-tbajja', ħamiema, l-ispeċi fil-ġeneru tar-raja, *halibut*, *tusk*, linarda u *saithe* u mhux aktar minn 25 % ta' merluzz għall-qabdiet meħuda mis-sottoarea VI ta' l-ICES u/jew Diviżjoni Vb ta' l-ICES.

5. Ikun ipprojbit li jżommu abbord jew jistallaw kull xibka jew xbiek tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs li tvarja minn 100 sa 119 mm kemm-il darba:

   — kull xibka bħal din ma tkunx mgħammra minn panew bil-malja kwadra ta' l-anqas 90 mm tad-daqs tal-malja u l-panew jitwaħħal skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, jew

   — il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn ta' l-anqas 70 % ta' kull taħlita ta' l-ispeċi li jistadu għalihom inkluża fl-elenku itwal ta' dawn l-ispeċi li jistadu għalihom għal daqs ta' malja minn 80 sa 99 mm speċifikata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u/jew linarda, linarda kaħla, *saithe*, klieb il-baħar siki, fjamma sewda, *orange roughy*, *Phycis spp*. u *Brosme brosme* u mhux aktar minn 5 % merluzz, jew

   — kull xibka bħal din ma tkunx marbuta u merfugħa skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jwaqqaf sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni dwar is-sajd ([1]).

6. Kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-paragrafi minn 1 sa 5, qabdiet ta' merluzz miżmuma abbord kull bastiment li jkun iġorr kull daqs ta' xibka tat-tkarkir ta' daqs tal-malja li tvarja minn 32 sa 119 mm m'għandhomx jeċċedu 20 % tal-piż tal-qabda totali ta' organiżmi tal-baħar miżmuma abbord.

7. Qabdiet meħuda minn xbiek tat-tkarkir mal-qiegħ ta' daqs tal-malja ugwali għal jew akbar minn 120 mm u miżmuma abbord huma eżenti mill-kondizzjonijiet relatati mal-perċentwali ta' speċi mmirati u mhux immirati

Artikolu 5

1. Huwa pprojbit li jistallaw kull xibka tat-tkarkir għal mal-qiegħ li tinkorpora:

(i) kull malja individwali kwadrilaterali li tagħha l-ħjut tal-malja mhumiex bejn wieħed u ieħor ta' tul ugwali;

([1]) ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1.

(ii) sakku u kull biċċa estensjoni, li t-tul miġbud ġonġut tagħha jaqbeż is-36 metru fi xbiek ta' daqs tal-malja ugwali għal jew akbar minn 70 mm;

(iii) sakku u kull biċċa estensjoni minsuġa ta' aktar minn firxa waħda ta' materjal tax-xbiek hekk li d-dimensjonijiet lineari tan-nofs ta' fuq jew tal-firxa ta' fuq tas-sakku msemmi u l-biċċa estensjoni ma jkunux ugwali għad-dimensjonijiet lineari tan-nofs ta' taħt jew il-firxa ta' taħt;

(iv) sakku jew biċċa estensjoni jew panew ta' malji kwadri li kull waħda minnhom ma tkunx minsuġa esklussivament minn tip wieħed biss ta' materjal tax-xbiek;

(v) sakku mwaħħal b'kull mezz għajr dak li jkun meħjut f'dik il-parti tax-xibka qabel is-sakku;

(vi) sakku u/jew biċċa estensjoni ta' daqs tal-malja ugwali għal jew akbar minn 55 mm li ma tkunx minsuġa minn materjal tax-xibka bi spaga waħda li minnha l-ebda spaga ma hija ta' ħxuna akbar minn 8 mm jew ta' materjal tax-xbiek ta' spaga doppja li minnu l-ebda spaga ma tkun eħxen minn 5 mm.

2. Bl-eċċezzjoni tax-xbiek tat-tkarkir, huwa pprojbit li tiġi installata kull xibka għat-tkarkir għal mal-qiegħ:

(i) ta' daqs tal-malja minn 70 sa 89 mm li jkollha aktar minn 120 malja f'kull ċirkumferenza tas-sakku eskluži l-ġonot u l-ħaxji;

(ii) ta' daqs tal-malja akbar minn 90 mm li jkollha aktar minn 100 malja f'kull ċirkumferenza tas-sakku eskluži l-ġonot u l-ħaxji;

(iii) ta' daqs tal-malja minn 70 sa 99 mm kemm-il darba n-nofs ta' fuq ta' din ix-xibka ma jikkonsistix f'panew ta' materjal tax-xbieki marbut direttament maċ-ċima ta' fuq tax-xibka jew ma' mhux aktar minn tliet fillieri ta' materjal tax-xbiek ta' kull daqs ta' malja marbut direttament maċ-ċima ta' fuq, li testendi fuq il parti ta' wara tax-xibka għal ta' l-anqas 15-il malja u minsuġa minn materjal tax-xbieki b'malji f'forma ta' djamant li tiegħu l-ebda malja individwali ma tkun ta' daqs ta' malja anqas minn 140 mm;

(iv) ta' daqs ta' malja minn 70 sa 99 mm kemm-il darba panew ta' malji kwadri ta' daqs tal-malja ta' l-anqas 80 mm ma jkunx inkluż f'din ix-xibka skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (iii) u (iv) m'għandhomx japplikaw kull fejn il-qabda miżmuma abbord u meħuda b'xibka jew xbiek ta' daqs tal-malja minn 80 sa 99 mm tikkonsisti minn:

— ta' l-anqas 85 % ta' reġina ta' l-ispeċi mill-familja *pectinidae*, jew

— ta' l-anqas 40 % tal-ispeċi tal-familja *Solea* u aktar minn 5 % merluzz.

3. Huwa pprojbit li jinġarr abbord jew li jiġi skjerat kull xibka tat-tkarkir ta' daqs tal-malja ugwali għal jew akbar minn 80 mm kemm-il darba n-nofs ta' fuq kollu tal-parti ta' quddiem ta' din ix-xibka ma tkunx tikkonsisti f'panew ta' materjal tax-xbiek li minnu l-ebda malja individwali ma tkun ta' daqs ta' malja ta' anqas minn 180 mm marbuta:

— direttament maċ-ċima ta' fuq, jew

— għal mhux aktar minn tliet fillieri ta' materjal tax-xbiek ta' kull daqs ta' malja marbuta direttament maċ-ċima ta' fuq.

Il-panew tax-xbiek għandu jestendi fuq il-part ta' wara tax-xibka għal ta' l-anqas l-għadd ta' malji stabbiliti minn:

(i) id-diviżjoni tat-tul f'metri tar-rukkell tax-xibka bi 12;

(ii) il-multiplikazzjoni tar-riżultat miksub fi (i) b'5 400 u

(iii) id-diviżjoni tar-riżultat miksub fi (ii) bid-daqs tal-malja f'millimetri ta' l-iżgħar malja fil-panew u

(iv) li jiġi njorat kull frazzjoni deċimali jew frazzjonijiet oħra fir-riżultat miksub fit-(iii).

Artikolu 6

1. Huwa pprojbit li jiġi ntużat kull xbiek tat-tkarkir ta' daqs tal-malja minn 32 sa 119 mm fl-erji ġejografiċi li ġejjin:

— Diviżjoni IIa ta' l-ICES,

— dik il-parti tas-sottoarea IV ta' l-ICES għat-Tramuntana ta' 56° 00' T,

— Diviżjoni Vb ta' l-ICES u

— Sottoarea VI ta' l-ICES għat-Tramuntana ta' 56° 00' T.

2. B'danakollu, huwa permess li jintuża kull xbiek tat-tkarkir ta' daqs tal-malji minn 100 sa 119 mm fl-inħawi magħluqa mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit bejn 55° 00' T u 56° 00' T u b'linji dritti li sekwenzalment iġonġu l-kordinati ġejografiċi li ġejjin:

punt fuq il-kosta tal-lvant tar-Renju Unit f'55° 00' T,

55° 00' T 05° 00' L,

56° 00' T 05° 00' L,

punt fuq il-kosta tal-lvant tar-Renju Unit f'56° 00' T,

kemm-il darba l-qabdied meħuda f'din l-erja b'tali irkaptu u miżmuma abbord ikunu jikkonsistu mhux aktar minn 5 % merluzz.

3. Fis-sotto-erje IV ta' l-ICES u/jew Diviżjoni IIa ta' l-ICES, huwa pprojbit li jinġarr abbord fl-istess ħin xbieki tat-tkarkir ta' aktar minn tnejn mid-daqsijiet tal-malja minn 32 sa 99 mm, minn 100 sa 119 mm u ugwali għal jew akbar minn 120 mm.

Artikolu 7

Minkejja l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 u l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 850/98, għandu jkun ipprojbit li jinżammu abbord kull merluzz li jaqbeż it-30 % tal-piż mill-piż totali ta' l-organiżmi tal-baħar miżmuma abbord u maqbuda b'irkapti fissi kemm-il darba d-daqs tal-malja ta' dawn l-irkapti ma jkunx ugwali jew ma jkunx akbar minn 140 mm.

Artikolu 8

1. Huwa pprojbit li tiġi nstallata kull xibka tat-tkarkir mal-qiegħ ta' malja tad-daqs minn 70 sa 79 mm fis-sottoarea IV ta' l-ICES u/jew fid-Diviżjoni IIa ta' l-ICES. B'danakollu, bastimenti mill-Komunità u bastimenti Norveġiżi jistgħu fl-2002 jistadu fl-ibħra tal-Komunità tas-sotto-erja IV ta' l-ICES waqt li jkunu qed jużaw xbieki tat-tkarkir għal-ħut tal-qiegħ, għajr xbieki tat-tkarkir, li jkollhom magħhom sakki li fihom ma jkollhom l-ebda malja individwali li tkun ta' daqs tal-malja anqas minn 70 mmu li jkunu minsuġa interament minn materjal tax-xbiek ta' malji kwadri.

Il-qabda meħuda b'tali xbieki u miżmuma abbord għandha tikkonsisti f'ta' l-anqas 30 % ta' awwista min-Norveġja.

2. Il-projbizzjoni fuq is-sajd bi xbiek tal-qiegħ għall-lontri, xbieki bil-par għal mal-qiegħ u tartaruni Daniżi fil-parti tat-Tramuntana tas-sotto-erja IV ta' l-ICES kif stipulata fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 m'għandhiex tapplika.

Artikolu 9

Minkejja d-disposizzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 bastimenti Norveġiżi jitħallew jistadu f'ibħra tal-Komunità tas-sotto-erja IV ta' l-ICES għal gambli Pandalus billi jużaw xbieki tat-tkarkir għal-ħut tal-qiegħ b'daqs ta' malja minn 32 sa 54 mm li fihom jiġu stallati gradilji tat-tqassim biex jintgħażlu skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni Norveġiża.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda applika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni